## L-Onor. Dr. A. V. LAFERLA, C.B.E., LL.D.

*President Onorarju tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti."*

Kull min għandu għal qalbu l-ġid ta' Malta u ta' wliedha nħasad meta fis-7 ta' Jannar ġriet mal-Gżira kollha l-aħbar li f'dik il-għodwa kien miet l-Onorabbli Dr. A. V. Laferla, C.B.E., LL.D., il-ħabrieki Direttur ta' l-Edukazzjoni.

Fl-1920, meta d-"Direttur", kif kien magħruf minn kulħadd, ħa f'idejh id-Dipartiment ta' l-Iskejjel Elementari, hu kien jaf li t-triq li kellu quddiemu kienet mimlija tweghir, li x-xogħol kien iebes u jitlob rieda l-aktar qawwija u ħerqa l-aktar kbira. Iżda Dr. Laferla ma qatax qalbu u medd għonqu għax-xogħol. Hu minn dejjem kellu fidi sħiħa fit-tfal Maltin u kien jemmen li jekk Malta tagħraf tagħti edukazzjoni tajba lil uliedha, kien għad jasal iż-żmien meta hi tkun tista' b'wiċċha minn quddiem tgħid lid-dinja "ara x'isarrfu wliedi". Għalhekk id-Direttur beda jorganizza u jkabbar id-Dipartiment, li taħt it-tmexxija tiegħu, u bilgħajnuna ta' dawk li f'qalbhom Dr. Laferla nissel u rawwem il-ħrara li kienet tixgħel lilu, għamel passi ta' ġgant. Fl-1933, imbagħad, il-Gvern ħatar lil Dr. Laferla Direttur ta' l-Edukazzjoni u tah f'idejh il-Liċew u l-Iskejjel Sekondarji flimkien ma' l-Iskejjel Elementari. Issa x-xogħol issokta żdied u twiegħer aktar, imma d-Direttur baqa' miexi dritt fi triqtu, qawwi fil-fehma li kull sforz u ħidma kien qed iwettaqhom għall-ġid ta' art twelidu. U Malta kisbet riżq kbir mill-ħidma ta' Dr. Laferla

Infatti ma nkunux qegħdin ngħaġġbuha meta ngħidu li sehem kbir mill-ġieh u l-isem sabiħ li pajjiżna stħaqq u kiseb għall-qlubija li wrew uliedu fit-taqbid ta' dawn l-aħħar sentejn jafu lil Dr. Laferla, li għaraf jiżra' u jrawwem fi qlub it-tfal Maltin iż-żerriegħa tal-karattru Nisrani, ta' l-imħabba lejn Malta u l-wirt nazzjonali tagħha, kif ukoll tal-lijaltà lejn l-Ingilterra—żerriegħa, li kif tixhdu d-dinja kollha, tat frott tassew bnin. Dan kollu Dr. Laferla wettqu permezz ta' xempju ħaj li fuqu setgħu jimxu ż-żgħażagħ tagħna—ix-xempju ħaj kien hu stess li żviluppa fih in-nifsu l-virtujiet meħtieġa fil-veru ċittadin Malti.

Il-klassi u l-iskola ma kenux l-għodda waħdanin li bihom inqeda d-Direttur biex jilħaq l-għan tiegħu. L-istorja hi l-imgħallma tal-ġnus, u l-ġrajja tal-qawwijin iħeġġu għal ħwejjeġ kbar lis-sider qawwi taż-żgħażagħ. Għalhekk, Dr.

Laferla, li ftit bħalu fostna kien hawn min jaf l-irqaqat tal-ġrajja Maltin, qabad il-pinna f'idejh u kiteb l-istorja ta' pajjiżu—l-aktar taż-żmien mindu misserijietna talbu l-ħarsien ta' l-Ingilterra — sabiex iż-żgħażagħ tagħna jitħeġġu bl-għemejjel qalbiena ta' dawk li bl-armi f'idejhom dejjem qabżu għall-jeddijiet ta' arthom u ħaduha kontra min ried ijassarhom. B'xorti ħażina għalina, Dr. Laferla ma laħaqx temm dan ix-xogħol. It-tieni volum ta' "British Malta" għadu ma rax id-dawl, għalkemm sa fejn nafu aħna hu ġa mhejji għall-istampa; u lanqas ma laħaq Dr. Laferla jikteb l-istorja tal-ġrajja li twettqu f'Malta ma' tul din il-gwerra, għalkemm kien ġa ġabar ħafna mill-materjal meħtieġ.

Għodda oħra li biha nqeda Dr. Laferla sabiex Malta tibqa' Maltija kien it-tagħlim ta' lsienna. Hu ħabrek kemm felaħ biex il-Malti jibda jkun imgħallem fl-Iskejjel Elementari u l-Iskejjel Sekondarji. Min jagħmillu bsaten fir-roti sab mhux ftit, imma dan ma qatagħlux qalbu: it-tagħlim tal-Malti daħal u seħħ. Dr. Laferla ma kienx kuntent b'daqshekk biss. Hu ried li lsien artu jirtiqem bil-libsa letterarja li tixraqlu, u għalhekk hu beda jgħin bil-ħila tiegħu kollha kull ħidma letterarja f'ilsienna. B'turija tal-għożża tagħha għat-tħabrik ta' Dr. Laferla, l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti ħatritu bħala wieħed mill-Presidenti Onorarji tagħha. Fit-tweġiba li hu bagħat lill-Kumitat tal-Għaqda—"Jiena nifhem il-ġieh li wieħed jieħu sehem f'Kumitat ta' Għaqda Akkademika ta' Lsien Art Twelidu, u iżjed u iżjed meta din tkun l-Omm ta' Xirkiet oħra li għandhom l-istess ħsieb"— insibu x'kienu s-sentimenti li kellu f'qalbu dan il-patrijott.

Iżda mhux ħutu l-Maltin biss kienu għarfu u għożżew il-ħila u d-dehen ta' Dr. Laferla. Ismu kien magħruf tajjeb wkoll mill-barranin u meqjum minnhom. Fost ħafna xhidiet oħra nsemmu biss dik tal-Maestà Tiegħu r-Re n-nifsu li fl-1934 għamlu "Officer of the British Empire" u fl-1942 ħatru "Commander of the British Empire".

Meta Dr. Laferla sab il-maħfra ta' ħtijietu fil-ħniena tal-Mulej u l-mistrieħ ta' dejjem fi ħdanu, l-Imperu Ingliż tilef ċittadin lijali u Malta iben maħbub li qatta' ħajtu sa l-aħħar nifs jaħdem għall-ġid tagħha. Mar, iżda qatt ma jintesa.

G. Z. A.